# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 280/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 11**

**GO p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Stefanidis Simona-Corina (ID 163631ROM)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat filt-2 ta' Ottubru 2019, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elfejn sitt mija u disa' Ewro u disgħa u erbgħin

ċenteżmu (€2609.49) rappreżentanti servizzi mogħtija kif aħjar deskritti fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;[1]

Ra d-dokumenti annessi ma l-Avviż tat-Talba;

Ra lill-konvenuta, debitament notifikata, la rreġistrat dehra u lanqas ressqet risposta formali;

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[2];

Sema x-xhieda ta' Maryanne Camilleri[3] u ħa konjizzjoni tad-dokumenti eżebiti minnha;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[4] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba. Ukoll, l-ammont mitlub huwa korroborat u jikkombaċja ma' dak mitlub fl-Avviż. In oltre, jirriżulta mill-istess dokumenti li kienu saru xi pagamenti mill-konvenuta, u dan fil-perjodu mertu ta' din it-Talba. It-Tribunal għalhekk huwa aktar konvint li dan id-debitu huwa dovut, anke in omaġġ tal-fatt li kull pagament jippreżumi dejn[5].

---

[1] A fol 1 *et seq*.
[2] A fol 23.
[3] Seduta tas-27 ta' Mejju 2021.
[4] Dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba.
[5] Artikolu 1147(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in oltre, l-konvenuta kif diġa ntqal, għalkemm ġiet debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proċeduri naqset milli tirreġistra dehra formali f'dawn il-proċeduri u li tressaq risposta formali fil-ħin li trid il-liġi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont mitlub ta' elfejn sitt mija u disa' Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€2609.49) bl-imgħax legali mit-2 ta' Ottubru 2019[6] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[6] Data tal-preżentata tal-Avviż.